**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 17                                        Nhar it- Tnejn  27 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Tania Borg – Kunsilliera
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Ryan Sciberras – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

---

**17.1 – Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 16)**

**17.1.1 – Qari tal-Minuti**

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 16. L-minuti kienu tqassmu minn qabel, u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

**17.1.2 – Fuq il-Minuta Capinerija ħdejn il-Ġnien**

Il-Kunsillier Aaron Caruana u l-Kunsilliera Jessica Borg staqsew jekk il-carpenterija hux ser tibqa' fil-post. Is-Sindku spjega li, sa fejn jaf il-Kunsill, għandha tibqa', iżda l-Kunsill m'għandux dritt fuqha minħabba li taqa' taħt Transport Malta.

**17.1.3 – Fuq il-Minuta 16.2.2 Laqgħa mal-Pulizija u l-Homeless**

Il-Kunsilliera Jessica Borg reġgħet qajmet il-kwistjoni tal-homeless. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser jintbagħat email ieħor lis-Superintendent biex insaħħu l-komunikazzjoni u nsegwu l-każ.

**17.1.4 – Tabelli dwar il-Ħaxixa**

Il-Kunsilliera Jessica Borg staqsiet dwar il-pjan li jsiru tabelli informattivi fuq il-ħaxixa. Is-Segretarju spjegat li d-Dipartiment talab lill-kunsilli jekk humiex interessati f'dawn it-tabelli, u l-Kunsill qabel li jsiru kemm jista' jkun malajr.

**17.1.5 – Fuq il-Minuta 16.2.2 - Tifkira "Red Man"**

Il-Kunsilliera Tania Borg staqsiet min hu responsabbli għall-ħlas tat-tifkira. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ser ikopri l-ispiża.

**17.1.6 – Fuq il- minuta 16.3.3 -Coffee Morning Komunitarju**

Il-Kunsilliera Joyce Bray informat lill-membri li għal dawn l-aħħar erba' xhur kienet qed tipprova tikkuntattja u tikkoordina mal-għaqdiet lokali sabiex tkun tista' torganizza l-attivitajiet mingħajr ebda diffikultà min-naħa tagħhom. Madankollu, sa llum il-ġurnata, għadha ma ġiet ikkonfermata ebda laqgħa.

**17.1.7 – Fuq il- minuta – 16.3.2 Crash Barrier (Rue D'Argen c/w St. Albert)**

Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa dwar l-istatus tal-crash barrier. Is-Sindku qal li ser issir "U-shaped bollard".

**17.1.8 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillier Conrad Borg Manche ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti, u l-Kunsilliera Joyce Bray sekondat. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

---

**17.2 – Komunikazzjoni mis-Sindku**

**17.2.1 – Meeting ma' Transport Malta dwar il-Ġnien**

Is-Sindku informa li saret laqgħa ma' Transport Malta. Hu issugerixxa li l-ġnien għandu issir, u l-problemi żgħar jiġu solvuti wara.

**17.2.2 – Tower Crane – Triq Ponsonby**

L-applikazzjoni biex titpoġġa tower crane ħdejn Alibaba daħlet għand il-Kunsill. Is-Sindku talab li l-iskaffolding jibda mill-ewwel sular biex jitnaqqas l-impatt fuq il-pedestrians.

**17.2.3 – Christmas Village**

Il-Kunsilliera Jessica Borg esprimiet id-diżappunt tagħha dwar kif inħadmet l-attività tal-Christmas Village din is-sena, b'mod partikolari minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni. Matul id-diskussjoni nqala' argument dwar nuqqas ta' ftehim fir-rwoli u r-responsabbiltajiet bejn żewġ kunsilliera, li wassal għal ċerta konfuzzjoni fil-proċess tal-organizzazzjoni. Is-Sindku rringrazzja għar-rimarki kollha u nnota li l-proċeduri għandhom jiġu riveduti sabiex jiġi evitat li jseħħu sitwazzjonijiet simili fil-futur.

**17.2.4 – Community Police**

Wara l-laqgħa mal-Community Police, ġie kkonfermat li qed jużaw ir-rota sponsorjata mill-Kunsill.

**17.2.5 – Charging Pillars**

Qegħdin jibdew jiġu nstallati charging pillars madwar il-lokalità.

**17.2.6 – Gżira Veterans**

Il-Kunsill ser jagħti rikonoxximent lil Gżira Veterans għas-suċċessi miksuba. L-ispiża hija ta' €250 u l-approvazzjoni kienet unanimu.

**17.2.7 – Celebrations għall-Istudenti tal-Gżira**

Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel kollaborazzjoni mal-banda għal ċelebrazzjoni tal-Milied għall-istudenti tal-Gżira bi spiża ta' €400.

**17.2.8 – Riklam fuq il-Kalendarju tal-Banda**

Il-Kunsill approva riklam fuq il-kalendarju tal-banda bi spiża ta' €790.

**17.2.9 – Purċissjoni tal-Bambin**

Il-Kunsill approva li jintuża s-servizz tal-banda waqt il-purċissjoni tal-Bambin bi spiża ta' €1,000.

**17.2.10 – Byelaw tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv innotat li l-byelaw tal-Kunsill li sar ħafna snin ilu u l-prezzijiet m'għadhomx fattibbli. Proponiet li jiġi rivedut . Il-Kunsill qabel unanimament.

---

**17.3 – Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**17.3.1 – Lista bix-Xogħlijiet tal-Impjegati**

Il-Kunsilliera Tania Borg talbet lista bil-funzjonijiet ta' kull impjegat sabiex il-kunsilliera jkunu jafu lil min għandhom jikkuntattjaw f'każ ta' bżonn.

**17.3.2 – Rapporti tal-Contracts Manager**

Il-Kunsilliera Jessica Borg talbet biex tara rapporti aġġornati tal-Contracts Manager. Is-Segretarju qalet li jiġu mibgħuta regolarment u ser tipprovdi rapporti tal-aħħar xahar.

**17.3.3 – Public Convenience**

Il-Kunsilliera Jessica Borg irrimarkat li l-attendant tal-public convenience mhux qed ikun preżenti l-ħin kollu.

**17.3.4 – Sleeping Police quddiem il-MUSEUM**

Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa dwar l-istatus tas-sleeping policeman. Is-Segretarju spjegat li r-residenti taż-żona ma jaqblux li jsir. Il-Viċi Sindku osserva li jekk iseħħ inċident, ir-responsabbiltà għandha taqa' fuq dawk li oġġezzjonaw.

**17.3.5 – Proposta ta' Mera f'Triq Tas-Sliema**

Il-Kunsillier Ryan Sciberras ippropona mera ħdejn Triq Tas-Sliema ġej min-Nazju Ellul. Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.3.6 – Parkeġġ quddiem Master Cellars**

Il-Kunsillier Martin Vella qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni minħabba l-periklu li qed jinħoloq fil-parkeġġ quddiem Master Cellars. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill diġà għamel diversi rapporti dwar din il-kwistjoni, iżda s'issa għadha pendenti u ser jerġa' jiġi segwit mill-ġdid.

---

### 17.4 – Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 15/9 ġiet eżaminata.
**Proposta:** Kunsillier Aaron Caruana
**Sekondata:** Kunsilliera Jessica Borg
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

---

### 17.5 – Tmiem il-Laqgħa

Is-Sindku temm is-seduta fis-6:13 p.m.

**Laqgħa li jmiss:** It-Tnejn 24 ta' Novembru 2025, 4:00 p.m., fil-boardroom.

## IFFIRMATA:

Neville Chetcuti Mandy Farrugia